*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 43**

**It-Tnejn 14 ta' Novembru 2022.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixrid tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
John Schembri - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Errol Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**43.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Dr Errol Cutajar

**43.2.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 42 li saret Nhar it-l-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022:***

43.2.1.1 Is-Sindku s-Sur Mario Calleja talab biex paġna 6 paragrafu 42.2.2.7 ikun emendat hekk kif ġej.

*Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 punt 41.3.6 qal illi l-Kunsill qiegħed fi problema finanzjarja minħabba li għandu ċertu finanzi li qegħdin barra u għalkemm dawn kif jidħlu ser jgħinu l-Kunsill jitlaq fuq saqajh ma jfissirx li nistgħu nmexxu kif konna qabel izda irridu xorta waħd noqgħodu attenti. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi min naħa tiegħu hu ikkomunika ma' l-Onor Ministru Stefan Azzopardi li l-fondi tal-izvilupp issa huma responsabilita tiegħu sabiex jgħinu sabiex il-fondi tad-DPF ikunu jistgħu jidħlu kemm jista jkun malajr. Huwa kompla jispjega illi qed nistennew li ndaħħlu l-flus min naħa tal-klinika, qed nistennew il-fondi tal-funtana ukoll u dan qed jgħidu biex juri li min naħa tiegħu l-Kunsill qed jagħmel l-almu tiegħu u informaw ukoll lill entitajiet li għal din is-sena il-Kunsill mhux fil-pozizzjoni li jgħatu donazzjonijiet anke jekk kontra qalbna. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi anke rigward is-safar dan ser jieqaf kollu u min jixtieq isifer jista jagħmel dan pero jħallas hu u anke l-ikla tal-Milied mhux ser titħallas min naħa tal-Kunsill izda min għandu pjaċir li jattendi irid iħallas hu. Dan zgur mhux qed isir b'kapriċċ.*

43.2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri talab biex paġna 6 artiklu 42.2.2.10 ikun emendat hekk kif ġej.

*Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 7 artiklu 41.9.1 u qal illi din il-clean up li fiha ħadu sehem miegħu il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon kif ukoll xi residenti li ġew biex jgħinu flimkien ma ħaddiem minn tal-Kunsill u ħaddiema ta' kuntrattur ieħor li ħadmu ħafna għal siegħat twil u xtaq jirringrazzjhom kollha u fl-opinjoni tiegħu din kienet l-ikbar clean up li saret u kienet ta' suċċess qal ukoll li kien hemm boutique hotel mulberries li kien ġentili bizzejjed li stedinhom għal cafe wara l-clean up u vera apprezzawha u jixtieq li din l-attivita' terġgħa issir anke għaliex ħafna nies espremew ix-xewqa li jipparteċipaw la darba terġgħa issir u jħoss li s-sibt filgħodu kienet aktar aċċessibli għal kulħadd u għandu il-ħsieb li issir għal Novembru biex b'hekk ikomplu jnaddfu l-parti l-oħra tal-Bidni hu qal illi fadlilhom il-boroz u jonqos li nixtru xi ftit ingwanti u jkollna zewġ skips.*

43.2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri talab biex paġna 12 artiklu 42.7.7 ikun emendat hekk kif ġej.

*Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din kienet kwistjoni mal-kap tal-iskola u l-ġbir ta skart fejn finalment intlaħaq il-ftehim illi t-Tlieta u l-Ħamis ser jibdew ipoġġu l-iskart fit-tela ta' Monita' filwaqt li s-Sibt ser tibda titħalla l-gate tal-iskola miftuħa sabiex il-kollettur ikun jistgħa jidħol u jiġbor l-iskart.*

43.2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri talab biex paġna 12 artiklu 42.8.1 it-tielet paragrafu ikun emendat hekk kif ġej.

*Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq il-ħaddiema tal-ETC jekk hux ser jingħataw bonus din is-sena u jekk iva ta xhiex qed jingħataw bonus għaliex il-Kunsill qed jipprova jgħamel ċertu mizuri biex inaqqsu mill-ispejjez imbagħad nispiċċaw ngħatuh f'bonus meta dawn mhux qed insibuhom għall-affarijiet li jkollna bżonn.*

**Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Is-Sindku ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

- *Is-Segretarju Eżekuttiv talab sabiex il-Kunsilliera jkollhom il-camera mixgħula. Huwa saħaq li hemm bżonn li jkollom il-camera mixgħula speċjalment meta tittieħed deċiżjoni sabiex jidher is show off hands.*

**43.2.2** ***<u>Matters Arising tal-laqgħa 42 li saret Nhar l-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2022.</u>***

**43.2.2.1** Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 42.2.2.4 rigward il-ġardinar fejn qal illi is-servizz tal-ġardinar tjieb ħafna. Huwa spjega illi Darren u Raymond qed jghamlu tindif fil-ġonna madwar il-lokal u Keith jieħu ħsieb Ġnien Sant'Anna u anke qed juża il-*hatcher* sabiex jaqta il-ħaxix u anke Spiru qed jgħin sabiex jinġabar il-ħaxix maqtugħ umbgħad il-kuntrattur jiġi jiġbor il-ħaxix.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li lilhu ħadd mhu qed jinfurmah kif qed issir ix-xogħol u għaldaqstant mhux qed ikun jista jiċċekja.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk minn qed juża il-*hatcher* hux ħaddiem tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ħaddiema kollha li semma is-Sindku huma ħaddiema tal-Kunsill u mhux impjegati mal-kuntrattur. Huwa staqsa lil Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud jekk il-*contacts manager* hux qed jikkuntatja miegħu sabiex darba fil-gimgħa jiltaqgħu flimkien mal-ħaddiem tal-kuntrattur sabiex jgħati rendikont tax-xogħol li jgħamel matul dik il-ġimgħa u anke x-xogħol ippjanat li għandu jgħamel.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li qatt ma kkuntaja miegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jisħaq miegħu li dan isir.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jidher biċ-ċar illi bħala kuntratt tal-ġonna għandha ħaddiema biex jaħdmuh u ma għandiex għalfejn noħorġu sejħa oħra imma ninpjega l-ħaddiem magħna.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

Is-Sindku qal illi l-kuntrattur tal-*bulky refuse* minflokk qed jiġbor il-ħamis qed jiġbor is-Sibt.

Is-Sindku qal li waqt il-laqgha tas-Sindku u Viċi Sindki l-Kunsilli Lokali kollha tkelmu kważi fuq l-istess problema dik tal-indafa, nuqqas ta' rispetto, abbużi u traskuraġni speċjalment minn ċertu kuntratturi. Huwa qal illi s-Segretarja Parlamentari staqsiet jekk il-*budget* allokat fuq it-tindif intefaqx kollhu fuq it-tindif jew le.

**4.3.2.2.2** Is-Sindku tkellem fuq paġna 13 paragrafu 42.8.2 fejn qal illi dan il-*quarterly l-appraisal* tal-ħaddiema sar flimkien mal-*projects manager* li qeda fuq l-CIES is-Sinjura Marthese Grech. Huwa qal li dan l-aħħar ukoll kellu laqgħa mal-manegemnt tal-kumpanija John Bonavia, Direttur Robert Borg u Emren Vella bħala konsulent fejn iddiskutew wau forward fuq il-ħaddiema tal-komunita`.

**43.2.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 6 paragrafu 42.2.2.7 rigward il-fondi li kellna indaħlu lura tal-berġa jekk daħħalnijomx.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm daqsxejn *issue* għaliex apparti il-kera ta' €7000 fis-sena li għad iridu jibdew iħalsuha, tlabnijom ukoll rimbors tal-ispejjeż li kellna ngħamlu fil-*finishes* u anke fl-istruttra sabiex nakkomodaw in-neċessitajiet tagħhom, li huma qed jirrifjutaw. Huwa qal li l-ammont huwa ta madwar €30,000. Huwa kompla jispjega illi

qed jitlob sabiex il-kirja tkun ta €10,000 minflokk €7000 għal 10 snin u b'hekk jkunu qed jħalsuna fuq medda ta 10 snin, jew iħalsu it-€30000 mill-ewwel.

**43.2.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 12 paragrafu 42.7.11 fuq il-*cameras* proposti u staqsa jekk dawn ġew aċċettati jew le.

Is-Sindku qal li għad ma għandiex konferma li aċċettawhom, pero` huwa għandu informazzjoni li qed jaħdmu fuqha.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għad ma għandiex risposta.

**43.2.2.5** Il-Kunsillier is-Sur charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 paragrafu 42.2.2.4 jekk il-ġardinar bgħatx ir-risposti kollha li konna tlabnih.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wieġbu biss fuq il-ħaddiema u fuq l-affarijiet l-oħra ma wieġibx. Huwa saħaq illi l-laqgħa flimkien mal-Kunsillier Charlot Mifsud, il-*contracts manager* u l-ħaddiem tal-kuntrattur trid issir ħalli jingħata il-programm tax-xogħol waqt il-laqgħat.

- ***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon daħlet għal laqgħa fis-18:45***

**43.2.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 paragrafu 42.2.2.3 staqsa jekk kelniex risposta xi kwalita ta siġar ser jitħawlu ġol pots fi triq ix-Xatt.

Is-Sindku qal li iltaqa ma Herman u qallu li s-siġar taż-żebbuġ mhux addatta għal hemm, huwa qal li l-ħamrija ilha ħafna hemm u trid tinbidel u jinżergħu siġar li jifilħu għal elementi tan-natura.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li fi żmien l-ELC kienu bidlu il-ħamrija.

Il-Viċi Sindku qalet li jistgħu jsiru s-siġar ta ġuda bħal ma hemm f'Garden Road.

Is-Segretarju Eżekuttiv li dawn tħawlu ukoll il-promenade ta San Ġiljan.

Kien hemm qbil li jsiru is-siġar ta ġuda fil-pots

Il-Kusnillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk tajniex *default notice*.

Is-Segrtearju Eżekuttiv qal li is-seduta li għaddiet qbilna li nibgħatulu ittra iżda il-mistoqsijiet tagħna ma ġewx imwieġba kollha.

Il-Kunsill qabel li nagħtuh default notice ta' 5% minħabba li weġibx l-informazzjoni kollha minn dawn il-pagament li ser jiġu preżentatni f'din is-seduta.

**43.2.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 58 paragrafu 42.2.2.6 fejn staqsa fejn ser inpoġġu l-apparat tal-*gym* wara li jinqala għaliex bħala appart huwa tajjeb u għadu jintuża.

Is-Segretarju Eżekutitiv spjega li ser jinqalgħu bil-ħaddiema tagħna u dawk li nistgħu nirrestawraw jintużaw għal x imkien ieħor.

**43.2.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 7 paragrafu 42.3.2 jekk sarx progress fuq il-bankijiet tad-*dive med* peress li kellhom jkomplu ix-xogħol huma.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li jridu jiħarġu l-permessi mill-*planning authority* l-ewwel.

Is-Sindku qal li kellem lil Perit tal-Kunsill u nfurmatu li ser tapplika dalwaqt. Huwa qal illi l-ġnub ta dawn iż-żewġ bankijiet ser jkun magħmul minn madum antik malti u fuq ser ikun ġebel tal-qawwi ħalli meta jsabtu iċ-ċilindru ma jinkisierx

**43.2.2.9** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 9 l-ewwel paragrafu l-aħħar bullet point rigward il-fanali ta' Ġnien Sant'Anna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk jinqalgħu u jsiru mal-ħajt ser nidħlu f'iktar spejjeż. Huwa kompla jispjega illi qed jipruvaw jsibu alternattiva forsi minflokk jsir *fence* tal-injam.

Is-Sindku qal li fuq din g]andu x'jispjega aktar il-quddiem.

**43.2.2.10** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 13 paragrafu 42.8.2 fejn rid jiċċara illi hu rid jgħid illi għan-numru ta ħadiema li għanda jipretendi li jsiru iktar xogħolijiet.

**43.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

43.3.1 **<u>Skema ta' Ghajnuna ghal Tizjin tal-Milied fil-lokalita 2022-2023 (35/4393/22/I):</u>**

Is-Sindku spjega illi dawn huma fondi li irċevejna mingħand l-MTA rigward it-tiżjien tal-Milied. Huwa qal li ser nirċievu €5000.

43.3.2 **<u>Bolt Meeting Proposal (35/4460/22/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn talbu laqgħa magħna.

Is-Sindku qal li kull l-lokalita` għanda id-diffikulta u l-problema tagħha fuq dawn l-*e scooters* u tajjeb li nitlaqtu magħhom.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li l-aħjar nidentifikaw il-postijiet l-ewwel.

Id-diskussjoni tkompliet bejn il-Kunsilliera.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li konna staqsejna lil Tmalta jekk hux possibli li jipparkjaw fil-kantuniera pero` għadhom ma tawniex risposta, għalkemm hu personali ma jaqbiliex mgħaha.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal jekk isiru parkeġġi fissi dawn l-użu tagħhom li jwaslu sa quddiem il-bieb td-dar u importatni li jkun hemm multi għal minn ma jipparkjahomx fejn suppost.

Il-Kunsill qabel unanimament li niltaqgħu mgħahom.

43.3.3 **<u>International Endurance Comptetion Malta National Team (35/4416/22/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara l-aħħar maratona li għamlu reġgħu talbu sabiex issir event oħra s-Sibt 10 ta' Diċembru u talab sabiex il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jikordina mħahom. Huwa kompla jgħid illi iż-żewġ laqgħat ser jsiru online.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

43.3.4 **<u>Laqgha Annwali:</u>**

Il-Kunsill qabel illi l-laqgħa annwali issir nhar l-Erbgħa 14 ta' Diċembru fis-6.00pm u wara nkomplu bil-laqgħa tal-Kunsill.

43.3.5 **<u>Smart Bins:</u>**

Is-Sindku beda jispjega lil dan huma proġett pilota fi ħdan il-Ministeru tal-Enerġija sabiex isiru bins tar-rimi tal-iskart organiku u l-borża is-sewda tal-ħwienet. Huwa qal li dawn l-aċċess tagħhom ser ikun permezz ta' card li tingħata lilt al-ħwienet. Kompla jispjega li pruvajna nsibu 2 siti, waħda San Tumas u l-oħra ħdejn l-impjant tar-riċiklaġġ ħalli jsiru tnejn żgħar minflokk waħda ta 10 metri, b'metru għoli u joħroġ daqs parkeġġ. Huwa qal pero` illi min-naħa tal-Wasteserv ma tawniex permess sabiex inpoġġu smart bin hemmek u allura ser issir waħda biss fil-Bajja ta' San Tumas ħdejn il-ħajt tas-sejjieħ.

Is-Sindku qal ukoll illi ser jżidu €25,000 mal-allokazzjoni u l-ispejjeż li jirrikjedi biex jiġi implentat ser jkun inkorporat ukoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li San Tumas fis-sajf ikun hemm ħafna karozzi.

Il-Kunsilliera qablu li għandhom jaraw is-sit qabel ma nikkomettu ruħna.

Is-Sindku qal li kellu jmur jieħu xi ritratti qabel ma jibgħatu l-approval.

**43.3.6 Easy to choose Marketing Proposal:**

Is-Sindku spjega illi din hija proposta fuq reklamar tal-*events* li nkunu ser ngħamlu. Huwa qal li għal kull *event* ser li nkunu irridu nipromowvu tiswa €60

Il-Kunsill qabel unanimament li nipruvaw l-ewwel *event* li ġejja tal-Milied u tikkomunika miegħu l-Viċi Sindku Janice Falzon.

**43.3.7 Greetings from Dujiangyan (35/4402/22/I):**

Is-Sindku qal li l-Belt ta' Dujiangyan batgħtulna videa mill-isbaħ u urew ix-xewqa li nibgħatu l-video ta' Marsaskala biex jekk hu possibli fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru isir l-iffirmaw l-MOU, fejn ser issir online. Huwa stieden il-Kunsilliera biex minn ikun jista jattendi għal din l-imsejħa ċerimonja.

Is-Sindku irringrazzja lill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tal-għajnuna tiegħu sabiex stajna insibu persuna biex fl-iqsar żmien jammonta permezz ta drone video u nibgħatuh via email il-partners tagħna ħewwa Dujiangyan.

**43.3.8 Laqgħa mal-Horizon**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud iltaqgħu mgħahom u swiet ħafna sabiex jgħinuna napplikaw għal ċertu proġetti u dan mingħajr ta' ħruġ ta' ebda fondi min-naħa tal-Kunsill tagħna.

**43.3.9 Laqgħa mas-CEO Is-Sur Ivan Falzon**

Is-Sindku spejga illi kellhu laqgħa mas-Sur Falzon rigward it-toroq ta'Marsaskala rigward toroq pedonali pero` ma rnexilniex għaliex inkella nitilfu ħafna parkeġġi. Huwa qal li talbu biex issir Triq tal-Blajjiet il-parti li tmur għal kappella tar-rużarju fid-direzzjoni tax-Xgħajra Żabbar għaliex imkisra kollha.

**43.3.10 Laqgħa Sindku u Viċi Sindk;:**

Is-Sindku spejga li flimkien mal-Viċi Sindku attendaw għal din l-laqgħa fejn iddiskutew diversi problemi tal-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex.

**43.3.11 Fondi tal-DPF rigward il-bini tal-Kunsill:**

Is-Sindku qal li l-affarijiet mixjin fuqhom.

**43.3.12 Proġett Active Ageing.**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud attendew għal dan il-proġett ġewwa *St Thomas Community living*. Huwa qal li dan kien proġett flimkien mar-reġjun li iltaqgħu diversi drabi mal-anzjani tagħna.

**43.3.13** **<u>Studenti tar-Raba Klassi:</u>**

Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier Dr Patrick Camilleri ospitaw ġewwa il-Kunsill l-istudenti tar-raba klassi mil-Iskola ta' San Gwakkin.

**43.3.14** Laqgħa mal-Minsiteru tal-Ambjent:

Is-Sindku tkellem fuq l-area wara l-ekx pixxina fejn kieu jitfqgħu il-karrijijiet tad-dgħajjes bejn Ġunju u Settemrbu, fejn infurmawh min-naħa tal-Ministeru illi parti minn dik l-art ġejja picnic area.

Is-Sindku spejga illi min-naħa tal-Ministeru ħasbu ill l-karrijiet li hemm kien ħallewhom xi nies irresponsabli u ma kienux jafu li dawn kellhom ftehim mal-Kunsill sabiex sakemm jkun hemm is-simenta klirjata jitfaw il-karrijiet hemmhekk. Huwa kompla jispjega illi iltaqa flimkien mal-Era u Ambjent Malta fuq il-post u waslu f'arranġament illi nofsa jiqbu jużawa għal karrijiet, iżda huwa qal li mhux tkun biżżejjed u qal li ser jipruvaw naħa waħda tal-parkeġġ tkun riservata għal karrijiet bejn il-15 ta' Ġunju u l-15 ta' Settembru. Huwa qal ukoll jekk jaqblu illi l-biċċa ta' quddiem il-kamra tal-*full time fisherman* peress li fis-sajf ma jipparkjawx karozzi hemm, jkunu jistgħu jipparkjaw il-karrijiet hemmek ukoll.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dejjem nipruvaw ngħinuhom bla preġudizju.

**43.3.15** **<u>Proġetti li qed jgħinuna Ambjent Malta.</u>**

Is-Sindku qal li hemm tlett proġetti li qed jgħinuna ambjent Malta fejn waħda minnhom hija l-irrigation fi Ġnien Sant'Anna, kif ukoll is-siġar ta'ġuda fi Triq ix-Xatt, kif ukoll il-bqija tal-*wooden fence* li hemm fil-Ġnien Sant'Anna ser jgħamluh huma ukoll fejn tkelmu sabiex il-biċċa wkoll fejn kienu jilgħabu t-tfal peress li dan l-aħħar tkissru xi fanali bil-logħob tal-ballun.

**43.3.16** **<u>Parkeġġ tal-iskola San Gwakkin</u>**

Is-Sindku qal li tkellem mal-Perit Joel Fenech, fejn infurmah li nbidlet id-Direttur u d-Direttur il-ġdid ser jiffirma l-agreement tal-parkeġġ ta taħt l-iskola ħalli jitwaħlu it-tabelli. Huwa qal li talbuh sabiex il-Kunsill jħallas sagħtejn *security guard* pero` hu qalilhom li mhux ser naċċettaw, u qal li wara is-sitta ta' filgħodu jekk ikun hemm xi karozza ipparkjata hemm ser jinfurmaw lilhu.

**43.4** **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**43.5** **<u>Rapporti:</u>**

**43.5.1** **<u>Tender KLM 2022/04 Service of a blacksmith to perform various works to the Marsaskala Local Council</u>**

| **Offer ID** | **Name of Economic Operator** | **Pricing information** |
|---|---|---|
| 181578 | Ben Hire | €292,500.00 |
| 181002 | John Camilleri | €71435.00 |

Is-Segretarju Eżekutiv spjega illi kien hemm 2 offerenti li kienu t-tnejn *compliant* pero` il-bord qal li dawn kien over the *estimated budget*.

Il-Kunsill qabel illi din l-offerta tiġi aġġudikata lil John Camilleri.

**43.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

Ma kienx hemm items oħra.

**43.7 Korrispondenza:**

**43.7.1 Applikazzjoni ghal Skala 16 Telephone Operator (35/4227/22/I) (35/4315/22/O):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi is-sejħa interna kienet ħarġet u applikat għalija is-Sinjura Marthese Sciberras.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**43.7.2 Hsara fil-vettura OWL194 (35/4313/22/I)**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-klejn intbgħatet mill-isurance tal-klijenti tagħhom li l-ammont jammonta għal madwar €1000.00

Il-Kunsill innota illi skond ir-rapport provdut l-inċident sar ġewwa l-Inwadar u mhux fi Triq iż-Żonqor.

Il-Kunsill qabel li dan l-inċident sar ġewwa l-Inwardar u jaqa taħt il-Minister tal-Ambjent u ma taqax taħt ir-responsabilta` tal-Kunsill.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ħareġ mill-laqgħa fis-7.30pm***

**43.7.3 Objection PA06510/22 (35/4273/22/I)**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsillier Dr Patrick Camilleri ġibidlu l-attenzjoni illi saret applikazzjoni ġewwa Bellavista kif tispiċċa Triq il-Bajtar, liema art l-iktar parti sostanzjali tagħha hija ODZ u bħala Kunsil tfajna l-oġġezzjoni tagħna.

Il-Kunsill qabel li joġġezzjoni minħabba li ser tinbena fuq art ODZ.

Il-Kunsiller Dr Patrick Camilleri qal li ser jkun hemm problema bil-parkeġġ peress li ser ikun ħafna iktar appartamentri milli garaxxijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*planning* għandhom *policy* illi jekk iħalsu il-multa jistgħu.

Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli qal li għandi innizluha ukoll li ser tinħoloq problema ta' parkeġġ u anke il-konġestjoni li ser jkun hemm minħabba l-ammont ta' karozzi li ser jkun hemm.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ir-residenti jistgħu jqabdu Perit u jissottomettu l-oġġezzjoni tgħahom lil *Planning Authority*.

Il-Kunsill qabel unanimanet illi kull applikazzjoni li tkun f'ODZ area joġġezjona għalija bħala prinċipju.

Il-Kunsill qabel illi noġġezjonaw għal din l-applikazjoni għaliex parti minnha qeda ġo ODZ area u anke minħabba il-problema tal-parkeġġ

**43.7.4 Parks and Gardens (35/4162/22/I)**

Is-Segretarju eżekuttiv qal li din hija l-ittra lil bgħat lil kuntrattur tal-ġonna sabiex jgħatina l-informazzjoni mitluba fil-laqgħa preċedenti

Għalkemm fjuri tħawlu iżda mhux 60% u anke bgħat il-programm tat-tisqija, il-programm of works ma bgħatux kif suppost u anke il-fjuri bgħaqa ma żergħax kollox.

Il-Kunsill qabel li tintbgħat default notice u tinqata 5 %.

**43.7.5** **SPI/SCI/10/22 Espressjoni ta' interess zvilupp u titjib ta' Latrini Publici awtomatici madwar Malta u Ghawdex**

Kien hemm diskussjoni rigward din l-applikazzjoni għaliex il-latrini huma tal-*cleansing* u mhux tal-Kunsill u għaldaqstant jekk ser isir b'sistema awtomitka evantwalment ser issir bil-flus.

Il-Kunsill qabel illi naraw kunsill lokali oħra x'ser jgħamlu.

**43.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

**43.8.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq pagamenti 4336 u 4337 tal-GCS Malta

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi il-4336 huwa il-pagament tax-xahar ta' Novembru filwaqt li l-4337 huwa tnaqqis tal-pagament doppju li sar f'Settembru

***Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**43.9** **Mozzjonijiet:**

**43.9.1** **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- s-Sur Charlot Mifsud u issekondata mis-Sindku is-Sur Mario Calleja (115 – 24/10/22):**

*"Jipproponi sabiex ħdejn il-postijiet storiċi u antiki ta' ġol-lokal fejn ma hemmx tabelli b'informazzjoni issirilhom waħda għax tiswa ħafna għat-turisti li jkunu fosta.''*

Il-Kunsill qabel illi jġibu l-informazzjoni s-Sindku, l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud sabiex jġibu l-informazzjoni neqsa u nbidlu li hemm bżonn jinbidel

43.9.2 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku is-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sindku s-Sur John Camilleri Camilleri (116 – 9/11/22):**

*"Wara li rċieva diversi lmenti flimkien ma xi diskors dispreġġativ fuq il-messaġġ awtomatiku li jintbgħat meta xi ħadd jibgħat messaġġ fuq il-paġna fuq Facebook tal-Kunsill fejn jindika li l-messaġġ tagħhom wasal u jekk jixtiequ jikkuntattjawna bit-telefon jew email jistgħaw jagħmlu dan u ntuwhom id-dettalji, jipproponi li nziedu fl-istess messaġġ il-kuntatti tal-Kunsilliera biex l-individwu jkun jista jinqeda aktar malajr mingħand il-Kunsillier tal-fiduċja tiegħu f'kazijiet urġenti.''*

Il-Kunsill qabel illi ndaħlu fil-messaġġ ta facebook in-numru tal-kuntatt tal-mobile ta' kull kunsillier.

43.9.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- s-Sur John B. Camilleri u issekondata mis-Sindku is-Sur Mario Calleja (117 – 9/11/22):**

*"Jipproponi li fi Triq ix-Xatt fejn l-ewwel u t-tieni sqaq fejn la Plajja, Brighton u Zen Sushi nagħmlu rampa għal persuni li jagħmlu uzu min puschchair jew siġġu bir-roti.''*

Kien hemm qbil li jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

43.9.4 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- Dr. Patrick Camilleri u issekondata mis-Sindku is-Sur Mario Calleja (118 – 10/11/22):**

*"Jipproponi biex is-servizz tat-trasport pubbliku fil-ħinijiet bikrin ta filgħodu speċjalment qabel 8:00am isir b'izjed frekwenza lejn il-belt Valletta u anke lejn l-Università ta' Malta. Dan qiegħed nitolbu fil-kuntest li l-karozzi tal-linja mit-terminus qiegħdin jitilqgħu mimlijin b'konsegwenza li ħafna nies fuq il-bus stops mhux qegħdin ikunu jistgħu jirkbu fuq il karozzi tal-linja konċernati. Nitolbu ukoll għal ċirkulazzjoni ta vann għal Bellavista u Zonqor kif diġa tlabna fil-passat''*

Kien hemm qbil dwar dan.

**42.10**

**Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 14 ta' Diċembru 2022 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 14 ta' Novembru 2022.

| | |
|---|---|
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |